



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 14 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

8848/21

DEVGEN 96
ACP 43
RELEX 437
FIN 362
OCDE 11
SUSTDEV 65

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ġunju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8595/21
Suġġett:	Sħubijiet tal-UE ma' Pajjiżi bi Dħul Medju: Opportunitajiet għall-aġenda dwar l-iżvilupp fi tranżizzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sħubijiet tal-UE ma' Pajjiżi bi Dħul Medju: Opportunitajiet għall-aġenda dwar l-iżvilupp fi tranżizzjoni, kif adottati mill-Kunsill fit-3802 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ġunju 2021.

**Sħubijiet tal-UE ma' Pajjiżi bi Dħul Medju:
Opportunitajiet għall-aġenda dwar l-iżvilupp fi tranżizzjoni**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jinvolvu ruħhom fi djalogu ta' politika u sħubiji internazzjonali ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs), f'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid. Il-Kunsill iqis li l-UE għandha tibqa' involuta mal-MICs fil-qafas tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali li jmiss, filwaqt li jirrikonoxxi l-karattru, l-isfidi u l-ambitu ġeografiku wiesa' tagħhom.
2. Il-Kunsill japprezza r-rwol tal-MICs bħala kontributuri u sħab ewlenin għall-kisba tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi, fid-dawl tal-valuri kondiviżi u l-interessi reċiproċi. Il-Kunsill jenfasizza l-valur strateġiku tal-involvement mal-MICs fil-kuntest ġeopolitiku attwali, biex jinkisbu riżultati fir-rigward tal-interessi u l-prijoritajiet tal-UE u jiġi appoġġat multilateraliżmu effettiv u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.
3. Il-Kunsill jinnota bi tħassib l-impatt sproporzjonat tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż l-MICs, kif muri mill-erożjoni tal-kisbiet fl-iżvilupp, l-impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-bniedem, b'mod partikolari għall-bniet u n-nisa, kif ukoll l-aggravar tal-isfidi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari l-faqar, iż-żieda fl-inugwaljanza u l-instabbiltà politika. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati ostakli addizzjonali, tinbena reżiljenza u jiġi promoss irkupru inklużiv u sostenibbli f'konformità ma' approċċ ta' "bini mill-ġdid aħjar u aktar ekoloġiku", iggwidat mill-SDGs.
4. Il-Kunsill jinnota li l-iżvilupp huwa proċess multidimensjonali, mhux lineari u l-isfidi tal-pajjiżi sħab ma jispiċċawx bil-gradwazzjoni tagħhom għal status ta' dħul medju. Il-miżuri ta' żvilupp għandhom iħarsu lil hinn mill-PDG per capita u jikkunsidraw dimensjonijiet oħra, inkluż l-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi u t-tibdil fil-klima.

5. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE għandha tindirizza l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiċċaqilqu bejn il-kategoriji tal-pajjiżi, inkluż minn dik ta' Pajjiż l-Anqas Żviluppat (LDC) għal dik ta' Pajjiż bi Dħul Medju Baxx (LMIC), filwaqt li tappoġġa t-tranżizzjoni sostenibbli għal forom oħra ta' finanzjament u kooperazzjoni għall-iżvilupp. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar li l-ODA tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għal-LDCs u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra.
6. Il-Kunsill ikompli jissottolinja li l-UE għandha tibqa' nvoluta politikament ma' pajjiżi bi dħul medju superjuri, inkluż pajjiżi li jeħtieġu ftit forom aġevolanti ta' għajjuna jew xejn iżda li għadhom qed jiffaċċjaw inugwaljanzi.
7. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-MICs f'konformità mal-approċċi Ħidma Aħjar Flimkien u Tim Ewropa, inkluż, għal dawk il-pajjiżi li għadhom jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju tal-UE, permezz ta', fost l-oħrajn, programmar konġunt u Inizjattivi ta' Tim Ewropa.
8. Il-Kunsill jappoġġa t-tfassil ta' sħubijiet għal sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u d-dinamika reġjonali, filwaqt li jagħti valur lid-djalogu mal-kontropartijiet rilevanti, inkluż is-soċjetà ċivili u s-settur privat, bil-ħsieb li jiġu żgurati sjieda u allinjament aħjar mal-istrateġiji u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom.
9. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex isegwu approċċ ta' diversi partijiet ikkonċernati u flessibbli, bl-użu sħiħ u effettiv tas-sett ta' għodod ta' Tim Ewropa. Forom ta' kooperazzjoni jistgħu fost l-oħrajn jinkludu, skont l-istatus u l-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab: (i) djalogu politiku u ta' politika, inkluż faċilitajiet ta' djalogu flessibbli; (ii) strumenti finanzjarji innovattivi (eż. l-EFSD+ li jmiss); (iii) għotjiet, inkluż l-appoġġ baġitarju; (iv) il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-assistenza teknika bejn il-pari u l-għarfien espert tas-settur pubbliku (permezz ta' TAIEX, Ġemellaġġ u forom oħra ta' taġġlim bejn il-pari; il-kooperazzjoni trijangolari u Nofsinhar-Nofsinhar); u, (v) d-diplomazija pubblika.

10. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġati biex itejbu u jsaħħu l-mobilizzazzjoni effettiva tar-riżorsi domestiċi, inkluż sistemi ta' nfiq pubbliku responsabbli u trasparenti, sistemi tat-taxxa, kooperazzjoni fis-swieq finanzjarji u kapitali u spazju fiskali, kif ukoll il-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti. Iż-żieda fit-trasparenza, it-tisħiħ tar-riformi fiskali, il-bini tal-kapaċità istituzzjonali, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-klima tal-investiment u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi wkoll għandhom rwol ewlieni f'dan il-kuntest. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ċentrali tal-kummerċ għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv u jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiżi sħab għall-kummerċ.
11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza ta' approċċ internazzjonali koordinat għat-trattament tad-dejn fl-arkitettura tad-dejn internazzjonali eżistenti, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa u trasparenti tal-Inizjattiva tal-G20 u tal-Klabb ta' Pariġi dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn (DSSI) u l-Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn lil hinn mid-DSSI, għall-pajjiżi eliġibbli. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-kredituri uffiċjali kollha bilaterali u privati, jipparteċipaw fuq termini komparabbli fit-trattament ta' dejn mhux sostenibbli.
12. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal forum komplementari ta' kejl u rappurtar tal-iżvilupp biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Aġenda 2030 bħall-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD).
13. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jiddiskutu approċċi ta' tranżizzjoni ma' pajjiżi sħab u biex jirriflettu dwar modi biex jiġi evitat vojt fil-programmi u dwar forum ġodda ta' kooperazzjoni internazzjonali biex jinbnew relazzjonijiet futuri lil hinn mill-għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ikompli jħeġġeġ li jiġu indirizzati l-oġettivi ewlenin tal-politika barranija u kummerċjali tal-UE, kif ukoll il-beni pubbliċi globali, inkluż l-ambjent u t-tibdil fil-klima.
14. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jesploraw u jikkondividu t-tagħlimiet meħuda fl-appoġġ għal tranżizzjonijiet sostenibbli u l-promozzjoni ta' sħubiji internazzjonali mal-MICs, inkluż, fost l-oħrajn, f'koordinazzjoni mal-OECD.
15. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri, fi spirtu ta' Tim Ewropa, biex jiżguraw komunikazzjoni u viżibbiltà effettivi tal-isforzi tal-UE, kif ukoll biex ikomplu l-azzjonijiet komuni biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni, inkluż permezz ta' koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fil-livell tal-pajjiż.